MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2014

Talba Numru. 301/2014

**George Marie Attard.**

**Vs**

**Chiara Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta' April, 2014 fejn l-attur talab illi tqabbad mill-konvenuta sabiex jaghmel xoghol ta' design u illustration liema xoghol tlesta a' sodisfazzjoni tal-konvenuta.

Il-konvenuta qed tirrifjuta li thallas lill-attur a' bazi li pretendiet li x-xoghol isir b'xejn.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali w bl-imghaxijiet legali kontra l-intimata, bl-ingunzjoni tal- konvenuta in subizzjoni. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2014 gie stabbilit illi l-kont li kien qed jitlob l-attur kien ta' tmien mija u hamsin ewro (€850).

Il-konvenuta debitament notifikata pprezentat risposta fejn eccepiet illi fl-ewwel lok dan it-Tribunal ma ghandux kompetenza.

Illi l-attur irid jikkwantifika l-ammont li qed jitlob.

Illi t-talbiet migjuba huma 'nfondati fil-fatt u d-dritt.

Illi l-konvenuta tichad kategorikament li hemm xi ammont dovut.

Bl-ispejjez inkluz dawk tar-risposta ta' l-ittra ufficjali u bl-imghaxijiet legali kontra l-attur bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

L-attur xehed u spjega kif il-konvenuta inkarigatu jaghmel xoghol ta' design ta' kelb. Dan kien evidenzjat ukoll minn skambju ta' emails li gew prezentati. Spjega wkoll illi meta hareg il-kont il-konvenuta nfurmatu li dak ma kienx il-budget taghha u hi ma riditx sebgha imma zewg stampi. Qal ukoll illi ma kienx izjed dispost jghatiha d-discount li kien offra fil-bidu.

Il-konvenuta xehdet u spjegat illi riedet tibda 'brand' tal-jeans u bhala promozzjoni xtaqet taghmel t'shirts bid-disinn ta' kelb. Qalet illi l-budget taghha kien mitt ewro (€100) u b'dan kienet infurmat lill-attur. Spjegat illi lill-attur kienet tafu fuq il-post tax-xoghol u rat li din kienet opportunita tajba ghall-artisti lokali.

Il-kaz gie trattat.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati huwa tal-fehma illi l-attur ghandu kull dritt li jithallas tax-xoghol li ghamel. Minkejja dan il-konvenuta m'ghandhiex thallas ta' stampi li mhix ser tuza ghalhekk it-Tribunal ihoss illi l-konvenuta ghandha thallas ta' zewg disinji u cioe' mija u erbghin ewro (€140) b'dan pero d-discount offrut ta' ghoxrin (20) fil-mija ghandu jibda jghaddi biex hekk l-ammont tad-disinji jinzel ghal mitt ewro (€100) flimkien ma tlett mija u hamsin ewro (€350) ghad-drittijiet u uzu u print tad-disinn.

Ghlahekk it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa' t-talba attrici u limitatament ghas-somma ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450). Jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta tal-konvenuta u jikkundanaha thallas is-somma ta' erbgha mija u hamsin ewro (€450) lill-attur bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------